# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEGISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 25**

11 ta' Jannar 2017

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( MP ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier — Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa.

**25.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**25.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji riċevuti.

**25.2 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

**25.2.1** Is-Sindku resqet il-minuti tal-erbgħa w għoxrin (24) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

25.2.1.1 Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni isskondata mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f' 25.2.1. Il-Kunsillier AGC ma setax jivvota peress li ma kienx għadu elett fi żmien li saret dik il-laqgħa, allura astjena waqt it-teħid tal-vot.

Ittieħed vot bir-riżultat ikun

| | | | |
|---|---|---|---|
| Favur | - | 3 | (DSH, VB, JAE) |
| Kontra | - | 0 | |
| Astensjoni | - | 1 | (AGS) |

Sussegwentement il-minuti tal-laqgħa ġew ifirmati mis-Sindku DSH u mis-Segtretarju Ezekuttiv MLL.

**25.3 KUNSILLIER ANTHONY GRECH SANT – ĠURAMANET TAL-ĦATRA**

Il-Kunsillier is-Sur Anthony Grech Sant ippreżenta l-Ġurament tal-Ħatra tiegħu meħud quddiem Kummissarju tal-Ġustizzja.

Il-membri preżenti laqgħu lill-Kunsillier is-Sur Anthony Grech li kien għadu kemm ġie elett minflok Dr Matthew Paris u awgurawlu ħidma u suċċess fi ħdan il-Kunsill waqt li sellmu lil Dr Paris u irringrazzjawh għal ħidmiethu u awgurawlu suċċess.

Is-Sindku DSH iddelegatlu id-dekasteru tal-isport li issa ġie rilaxxat mid-dekasteru tal-Kunsillier JAE.

**25.4 PUNTI MILL-MINUTI**

**25.4.1 SINJALI HERITAGE TRAIL**

Il-Kunsillier JAE staqsa dwar is-sinjali tal-Heritage Trail.(24.3.2)

Ġie nfurmat li għadhom qed jinġabru l-kwotazzjonijiet, Ġie rimarkat li peress li kienu saru tal-ħadid fondut ma setgħux jissewwew għalhekk ġie meħud in konsiderazzjoni li ma jerġgħux jiġu ordnati tal-ħadid fondut.

**25.4.2 XIRI TA' KOTBA GĦALL-KULLEĠĠ SAN ĠORĠ PRECA SKOLA PRIMARJA TAL-FLORIANA.**

Il-Kunsilliera staqsew jekk kienx hemm aġġornament dwar xiri tal-kotba bil-Malti għall-iskola San Ġorġ Preca mill-Kunsill li jkunu jirriflettu ortografija moderna b' nefqa ta' mhux aktar minn €300. (24.4.3).

Is-Surmast f' korrispondenza ma' MLL infurmha li hu kien ser jikkonsulta mas-Sur Mark Zammit National Literacy and Support Unit) u wara l-parir li jingħata jiġu ordnati l-kotba b'arranġament tas-Sur Zammit ma' suppliers ta' dawn il-kotba u l-invoice tinbagħat lill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel u aċċetta din il-proposta u ser ikun avżat b' din id-deċiżjoni s-Surmast.

Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tagħmel kuntatt mal-Kap tal-iskola u jekk hemm bżonn ma' xi għaqda tal-Malti sabiex jittieħed parir dwar x' kotba għandhom

jinxtraw biex ikun żgurat li dawn ikun jikkumplimentaw il-linji li timxi magħhom din l-iskola fit-tagħlim tal-lingwa Maltija.

**NB F' dan il-ħin il-5:08, daħal il-Kunsillier is-Sur Albert Demarco.**

**25.4.3 IN-NIĊĊA FIT-TELGĦA TAL-KURĊIFISS**

Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm aġġornament dwar il-dawl tan-Niċċa fit-Telgħa tal-Kurċifiss (25.5.5) u ġie nfurmat li hemm kommunikazzjoni ma' ARMS u EneMalta sabiex ikun possibili li l-Kunsill jassumi l-ħlas tal-kontijiet tad-dawl ta' din in-niċċa minflok missier is-Sur Pierre Azzopardi.

Il-Kunsillier AD laħaq indaga mal-ARMS li peress li l-kont kien qed ikun jgħajjat lil 'The Tenant', is-sistema komputeriżżata ma tarafx il-kont peress l-isem TENANT hu vag. Irid jinħoloq isem fitizju biex is-sistema tirrikonoxxi numru tal-Identita'.

Peress li sal-lum mhux magħruf sid din in-niċċa, tista' jsir dikjarazzjoni ġuramentata quddiem Kummissarju tal-Ġustizzja dwar dan il-fatt u jiġi ndikat l-indirizz tal-Kunsill bħala l-lok ta' fejn ser jiġi mpustat il-kont.

**25.4.4 ZEBRA CROSSING FI PJAZZA SAN KALĊIDONJU**

Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm aġġornament dwar ir-rikjesta li saret mis--Sur Bezzina, *Chairman* tal-Bord tal-Immaniġġjar u l-Amministrazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji, li għandhom l-ufficini fil-Floriana fi Pjazza San Kalċidonju, eżatt malli titla' t-telgħa ta' Sa Maison, fejn kien talab li ssir *pedestrian crossing* viċin l-uffiċċji tagħhom peress li jmorru hemm numru ta' nies partikolarment anzjani.

VB kien irrimarka li setgħa ġia kien hemm process mibdi ma' Transport Malta madwar sitt snin ilu biex issir *zebra crossing* hemm, allura saret riċerka biex ikun magħruf jekk kienx hemm process mibdi iżda ma nstab xejn fil-Kunsill.

Sadanitant sar tentattiv ta' komunikazzjoni mas-Sur Ivan Pierre Vella minnTransport Malta iżda għadu ma rrispondiex. Għandhom isiru tentattivi oħrajn biex ikun hemm kommunikazzjoni miegħu.

**25.4.5 KONKI VOJTA**

Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm aġġornament għar-rikjesta li jitħwalu siġar fil-konki vojta (24.6.1) li hemm fuq il-bankina faċċa tal-Kunsill peress li dawn huma ta' periklu għal min ikun miexi fuq din il-bankina.

Ġie nfurmat li saret kommunikazzjoni ma' ELS kif ukoll reminder sabiex jitħawlu siġar jew arbuxelli fihom bħal xi *ficus* li jkunu nqalgħu minn bnadi oħra jew xi arbuxel bħal *plumbago, pittisporum jew żebbuġ* bl' intenzjoni li malajr kemm jista' jkun jitneħħa l-periklu li xi ħadd jaqa f' xi konka minnhom.

**25.4.6 SKEMA TA' PARKEĠĠ GĦAR-RESIDENTI**

Filwaqt li ġew ordnati l-istickers, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-NSTS offriet żewġ student għall-aħħar ta' Jannar / bidu ta' Frar li ser ikunu jistgħu jgħinu fil-proċess tat-tqassim tal-i*stickers* flimkien mal-istaff tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku VB issuġerixxa li f' każ li jkun hemm bżonn l-istaff ikunu mitluba jaħdmu *overtime* fil-għaxijiet u s-Sibt. L-*istickers* ser jitqassmu b' ordni skond il-kunjom.

Il-Kunsillier AGS issuġerixxa li l-iskema tal-parkeġġ fil-Floriana għanda tkun simili ta' dik addotata fil-Belt Valletta favur il-konvenjenza tar-residenti; pero ġie nfurmat li l-iskema ntużata fil-Floriana hija bażata fuq regolamenti ta' parkeġġ maħruġa minn Transport Malta (TM).
Is-Sindku DSH qalet li hekk kif toħroġ skema simili tal-Belt Valletta minn TM, il-Kunsill Lokali tal-Floriana japplika għaliha.
Hawnhekk is-Sindku DSH rrimarkat li minn informazzjoni li waslitilha dwar xogħol il-Wardens, il-bieraħ inħarġu 15-il ċitazzjoni waqt li sa dalgħodu kienu nħarġu tlieta.

**25.5 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**25.5.1 LAQGĦA MAL-MEUSAC DWAR ĊIRKOLARIJIET**

Il-Kunsill kien irċieva diversi notifiki mingħand il-MEUSAC, partikolarment dwar European Regional Development Fund, Europe for Citizens, Urbact Good Practice Calls, New Funding Opportunities under ERDF u Erasmums+ Funding Programme. (għal żagħżagħ sa 30 sena).
Il-Kunsill żamm laqgħa mal-MEUSAC fejn ġew diskussi l-opportunitajiet li seta' hemm a benefiċċju tal-Kunsill. Għal din il-laqgħa attendew DSH, JAE u MLL.
Il-Kunsill mhux ser japplika għal issa għal xi l-opportunitajiet minn dawn peress li sakemm l-applikazzjonijiet jiġu proċessati, ikun tard wisq għall-okkazjoni li jkunu intenzjonati għalihom.
Hemm mil-ħsieb li l-Kunsill japplika għal Europe for Citizens sa l-aħħar ta' Settembru sabiex is-sena d-dieħla jistieden lis-Sindku ta' Macerata u oħrajn għall-festa ta' San Publiju.
Fl-istess ħin b' Erasmus + jinġiebu xi żagħżagħ minn Macerata għal xi ftit jiem waqt li jiġi ppreżentat lilhom seminar ta' xi ġurnata b' tema Furjaniża.
Permezz ta' sejħa oħra, il-Kunsill jista jirranġa xi propjeta tiegħu li tippromvovi il-Floriana turistikament mill-att kulturali u storiku. JAE ippropona li jkellem lil xi studenti tal-arkitettura li kienu ppreżentaw proġett fuq Pjazza Papa Gwanni XXIII.u jikkomunika mal-Professur Alex Torpiano.
DSH semmiet li kieku l-Loġoġ ta' Triq Sant' Anna jkun ħaqqhom li jiġu restawrati pero' dawn jaqgħu taħt il-Gvern ċentrali.

### 25.5.2 St Patrick' s Day fil-Floriana - 19 ta' Marzu 2017

Is-Sindku DSH infurmat lil membri preżenti li wara li ġie nominat is-sotto-kumitiat fil-laqgħa preċedenti (24.12.1), il-membri tiegħu iltaqgħu għall-ewwel darba fid-9 ta' Jannar 2017 fejn ġie deċiż li jintalbu sponsorships biex din l-attivita' tkun ta' suċċess. It-tieni laqgħa ser tinżamm fil-25 ta' Jannar 2017.

### 25.5.3 Sotto-Kumitati

Is-Sindku DSH fakkret li kull sotto-kumitat għandu jsegwi proċeduri stabbiliti. Trid titqassam agenda ħamest ijiem qabel kull laqgħa u jittieħdu l-minuti waqt il-laqgħa.

Il-minuti għandhom jiġu ppreżentati lill-Kunsill sabiex kull proposta li tkun saret mis-sotto-kumitat tiġi kunsidrata u approvata jew le mill-Kunsill.

Kull sotto-kumitat għandu jkollu segretarju u għandhom jiġu mfakkra li jridu jiżguraw li jsegwu proċeduri stabbiliti waqt il-laqgħat tagħhom..

### 25.5.4 Festa Liturġika ta' San Publju – 20 ta' Jannar 2017

Is-Sindku DSH rreferit għall-korrispondenza mibgħuta mis-Sur Stephen Tonna għan-nom tal-Arċipriet, fejn saret taf b' diżappunt, li fil-21 ta' Jannar 2017, il-Grupp Ħidma San Publju kien qed jorganiżża ikla fl-istess jum li l-Kunsill minn dejjem organiżża attivita' fejn jingħata rikonoxximent lil dawk li jkun taw sehemhom b' dedikazzjoni f' ġieh il-Floriana u l-Furjaniżi.

Għal din ir-raġuni, il-membri preżenti qablu li għal din is-sena l-attivita' tal-Kunsill tinżamm fl-20 ta' Jannar 2017 filwaqt li wrew id-diżappunt tagħhom għal dan it-tibdil.

Intant, is-Segretarju Eżekuttiv informa l-membri li l-inviti intbagħatu fit-2 ta'Jannar 2017.

### 25.5.5 Ċirkolarijiet

Is-Sindku rreferiet għal numru ta' Ċirkolari u Avviżi li ntbgħatu lill-Kunsill u li ġew iċċirkolati lill-membri kollha.

| DLG Cirkolari Nru | Suġġett |
|---|---|
| 50/2016 | Sejħiet għall-Offerti/Kuntratti dwar Manutenzzjoni tad-DAwl fit-Toroq |
| 1/2017 | Funzjoni dwar iż-Żamma fi Stat Tajjeb u Manutenzzjoni tat-Toroq |
| 2/2017 | Tqegħid ta' CCTV Cameras f' Latrini Pubbliċi |

| LCA Cirkolari Nru | Suġġett |
|---|---|
| | It-Tifel fejn mar ? |
| 3/2017 | Laqgħa Plenarja |
| 4/2017 | Group Health Insurance Policy |
| 5/2017 | Assikurazzjoni tal-Flus 2017 |

**25.5.6 KORRISPONDENZA MAL-ONOR DR DEBORAH SCHEMBRI**

Is-Sindku DSH ikkorrispondiet ma' l-Onorevoli DR Deborah Schembri fil-bidu ta' Jannar 2017 wara li kienet inżammet laqgħa fl--24 ta' Novembru, 2016. Intbagħtet l-mozzjoni li l-kunsill lokali ppreżenta sabiex il-lokalità tal-Floriana tiġi inkluża fir-riġenerazzjoni taż-Żona tal-Kapitali jew b'mod individwali fejn ukoll ġie enfasiżżata l-ħtieġa għat-twettieq ta' dan il-pjan.

Intbagħtet ukoll pjanta tal-kamra li tinsab fejn hu magħruf Taħt il-Forka fejn qed isir abbuż mid-droga hemm, u semmiet li kienet ix-xewqa tal-Kunsill li din il-kamra titwaqqa' sabiex ikun tentattiv li jitnaqqas l-abbuż tad-droga u fl-istess waqt tikber iż-żona rikreattiva għar-residenti.

**25.6 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

**25.6.1 Ħajt ta' Taħt il-Forka**

Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistax isir *cladding* mal-ħajt li hemm biswit is-sur ta' Taħt i-Forka sabiex ma jkunx jgħati fil-għajn daqshekk.

Ġie nfurmat li sal-lum il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mis-Sovraintendenza tal-Patrimonju u Kultura.

**25.7 RAPPORTI**

**25.7.1** Ma kienx hemm materji diskussi.

**25.8 MATERJI / RAPPORTI U MINUTI TAL-KUMITATI / SOTTOKUMITATI**

**25.8.1** Ma kienx hemm materji diskussi.

**25.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI U MATERJI FINANZJARJI. OĦRA**

**25.9.1 SKEDA TA' PAGAMENTI**

25.9.1.1 Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 20/07 għall-approvazzjoni.

25.9.1.2 JAE u AGS astjenew peress li kellhom konflitt t' interess fil-pagamenti taċ--*Cheque* numru 13904.

25.9.1.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija - eskluż dak il-ħlas fejn kien hemm l-astensjonijiet imsemmija tal-Kunsilliera JAE u AGS, bir-riżultat ikun favur unanimament.

Ittieħed vot bir-riżultat ikun

| | | | |
|---|---|---|---|
| Favur | - | 3 | (DSH, VB, AD) |
| Kontra | - | 0 | |
| Astensjonijiet | - | 2 | (JAE, AGS) (*Cheque* numru 13904) |

**25.9.2 APPRAISAL TAL-ISTAFF**

Tressqu l-*appraisals* ta' erbgħa mill-istaff tal-Kunsill kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv li ġew ikkunsidrati mill-membri preżenti.

Ġie deċiż unanimament li l-istaff jingħataw performance bonus ta' 6%.

Meta l-membri preżenti waslu biex jikkunsidraw l-appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv, f' dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mis-sala waqt li l-membri preċenti ideċidew unanimament li għandha tingħata performance bonus ta' 10%.

Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet daħlet fis-sala.

**Mozzjoni MOZZJONI MRESQA MIS-SINDKU – TIBDIL FL-ORDNI TAX-XOGĦOL TAL-AĠENDA**

Is-Sindku DSH resqet mozzjoni sabiex tinbidel l-ordni tax-xogħol tal-Aġenda u jiġu diskussi il-materji f' din l-ordni :-

| | |
|---|---|
| 25.9.3 | Estimi Finanzjarji 2017 u Laqgħa Annwali tal-Lokalita' |
| 25.9.3.1 | Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji |
| 25.11.1 | Collection of Bulky Refuse from the Floriana Community, in an environmentally friendly manner |
| 25.11.2 | Servizz ta' Tender Co-ordinator |
| 25.11.3 | Tender – Gabbana fi Ġnien Re George V |

Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Viċi Sindku VB.

Il-membri kollha qablu unanimament sabiex tinbidel l-Ordni tax-Xogħol tal-Agenda f' dik is-sekwenza.

**25.9.3 ESTIMI FINANZJARJI 2017 U LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA'**

Il-laqgħa annwali tal-lokalita' fejn ġew preżentati l-Estimi Finanzjarji 2017 inżammet fit-28 t' Diċembru 2016 fis-7:00, wara l-quddies, fis-Sala tal-Kunsill li setgħu jattendu għaliha persuni li jidhru fir-Reġistru Elettorali. Ir-residenti ġew infurmati individwalment permezz ta' flyer filwaqt li tħabbret ukoll fil-Gażżetta tal-Gvern kif ukoll reklamata fuq il-mezzi tal-media.

Attendew biss sitt residenti waqt li l-għaqdiet lanqas bagħtu rappreżentant.

Illum ġie preżentat ir-rapport tal-imsemmija laqgħa u ġew innotati l-ilmenti u s-suġġerimenti tal-pubbliku preżenti.

Resident ressaq proposta ta' Dog Park biswit il-Head Quarters tal-Iscouts. Is-Sindku intant kienet laħqet iddiskutiet din il-proposta mal-Onorevoli Dr Jose' Herrera din il-ġimgħa u wiegħed li l-Ministeru tiegħu kien ser jikkonsidra din it-talba.

Intalbet minn resident tabella li turi d-deficit tal-Kunsill mill-2011 sal-lum u li hi murija hawn taħt, ie :-

| Sena | Deficit |
|---|---|
| 2010 | € 61,580.00 |
| 2011 | € (108,328.00) |
| 2012 | € (116,250.00) |

| | | |
|---|---|---|
| 2013 | € | (65,894.00) |
| 2014 | € | (85,429.00) |
| 2015 | € | (33,010.00) |

Residenta rrimarkat li għandu jsir użu aktar ta' mobile camera biex tiġi ndirizzata il-problema ta' skart mormi illegalment.

Issuġġerit ukoll li meta terġa' tinfetaħ il-mina tat-tren, ikun żgurat li n-niżla ma' tkunx ta' periklu għal min jużha.

**25.9.3.1 APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI**

Tresqet mozzjoni mill-Viċi Sindku VB għall-approvazzjoni tal-Estimi li ġiet issekondonata mill-Kunsillier JAE, filwaqt li ittieħed vot bir-riżultat ikun :-

| | | | |
|---|---|---|---|
| Favur | - | 3 | (VB, JAE, AD,) |
| Kontra | - | 0 | |
| Astensjonijiet | - | 1 | (AGS) |

Intant ser isir elenku ma' l-Estimi Finanzjarji dwar iż-żamma fi stat tajjeb u l-manutenzjoni tat-toroq a bażi taċ-Ċirkolari DLG 1/2017.

**25.11.1 COLLECTION OF BULKY REFUSE FROM THE FLORIANA COMMUNITY, IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER**

Saret l-aġudikazzjoni tal-imsemmi tenderu l-bord irrakomanda lill-Kunsill li t-tender għandu jingħata lil Melchior Dimech DIMBROS peress li t-tenderer l-ieħor is-Sur Christopher Bezzina - allavolja offra servizz orħos - ma kellux vettura kif speċifikata fit-Tender ie EURO V.

Il-membri preżenti sostnew li meta jsir il-kuntratt tat-Tender, jiġi mniżżel in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura li ser tintuża kif indikata fit-Tender.

Tresqet mozzjoni mill-Viċi Sindku VB li ġiet issekondonata mill-Kunsillier JAE, filwaqt li ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport tal-kumitat tal-aġudikazzjoni bir-riżultat ikun :-

| | | | |
|---|---|---|---|
| Favur | - | 5 | (DSH, VB, JAE, AD, AGS) |
| Kontra | - | 0 | |
| Astensjonijiet | - | 0 | |

**25.11.2 SERVIZZ TA' TENDER CO-ORDINATOR**

Filwaqt li ġie deċiżli li jibqgħu jintużaw l-istess servizzi sakemm jingħataw t-tenders relattivi, il-membri preżenti qablu li jinħatar Tender Co-Ordinator biex jassisti lis-Segretarju Ezekuttiv fil-proċess tat-tenders temporanjament. Ġie maħtur is-Sur Svetlic Flores f' din il-pożizzjoni li ser jibda jitħallas bir-rata ta' 15-il Ewro fis-siegħa.

Tresqet mozzjoni mis-Sindku DSH li ġiet issekondonata mill-Viċi Sindku VB, filwaqt li ittieħed vot bir-riżultat ikun :-

| | | | |
|---|---|---|---|
| Favur | - | 5 | (DSH, VB, JAE, AD, AGS) |
| Kontra | - | 0 | |

| | | |
|---|---|---|
| Astensjonijiet | - | 0 |

**25.11.3 TENDER – GABBANA FI ĠNIEN RE GEORGE V**

L-abbozz ta' dan it-tender qiegħed jiġi preparat mill-Avukat tal-Kunsill (25.11.5). Intant hemm appuntament fis-16 ta' Jannar 2017 sabiex jinbeda attwalment il-proċess biex il-Liċenzja tal-gabbana tinqaleb minn fuq isem is-Sur Brian Zammit għal fuq isem il-Kunsill.

Il-membri kollha preżenti qabblu unanimament li fil-formoli li ser jiġu sottomessi lil Malta Tourism Authority (MTA) f' dan il-proċess, il-Kunsill ser ikun rappreżentat minn MLL fil-kwalita' tagħha ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Floriana u li jrid isir il-ħlas għal żewġ liċenzji immedjatament mas-sottomissjoni ta' dawn id-dokumenti għand l-MTA, waħda għal-liżenzja biex jkun jista' jiġi servut '*wines and spirits'* u oħra' ta' *take away* li jammontaw komplessivament għal **€93.27**

Tresqet mozzjoni mis-Sindku DSH li ġiet issekondonata mill-Kunsillier JAE, filwaqt li ittieħed vot bir-riżultat ikun :-

| | | | |
|---|---|---|---|
| Favur | - | 5 | (DSH, VB, JAE, AD, AGS) |
| Kontra | - | 0 | |
| Astensjonijiet | - | 0 | |

**Fis-5:50pm is-Sindku DSH talbet li tiġi skużata filwaqt li l-Viċi Sindku VB kompla jippresjedi l-laqgħa.**

**25.10 MOZZJONIJIET / RAKKOMANDAZZJONIJIET;**

Ma kienx hemm mozzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet.

**25.11 OFFERTI PUBBLIĊI U KWOTAZZJONIJIET**

**25.11.4 KWOTAZZJONI - STOP SIGN QRIB IL-KUNVENT TAL-KAPUĊĊINI**

Kienet intalbet kwotazzjoni sabiex isir stop sign (24.3.3), ħdejn fejn kien hemm l-Island Sound. Koptasign ikkwotaw €140 biex isir dan is-sinjal.

Dan ix-xogħol ser ikun ko-ordinat ma' xogħol ta' tħaffir ta' trinka aktar l-isfel fit-triq sabiex wardens jitqabbdu darba biss filwaqt li t-triq tingħalaq darba ujiġu frankati spejjeż u inkonvenjent tat-traffiku.

**25.11.5 FUNTANI**

Saret kommunikazzjoni ma' kumpaniji stabbiliti u ambaxxati (24.4.7) li joperaw f' dawn l-inħawi biex saret indaġini jekk humiex lesti li jisponserjaw xi funtana.

Fil-fatt ambaxxata ġia wriet interess li tkun sponsor filwaqt li diġa' qed jintalbu kwotazzjonijiet għal xogħol ta' qafas ta' xibka galvanizzata biex jitpoġġew u jintrabtu x-xitel fuqhom.

**25.12 ATTIVITAJIET**

**25.12.1 FESTA NAZZJONALI TAL-LOGĦOB TAN-NHAR TAL-ART MEKKANIŻŻAT**

Il-Kunsillier JAE informa l-membri li peress li l-filmat bid-drone li ttieħed is-sena l-oħra kien intilef waqt incident tat-traffiku li kellu l-operatur, din is-sena ser jerġa' jinġibed.

Din is-sena li ser ikun hemm aktar parteċipanti filwaqt li l-membri qablu li jiġu pubblikati t-tenders relattivi.

Hemm li ħsieb li tinħaraq kaxxa nfernali minn fuq il-bejt tal-każin tal-futball pero l-Kunsillier AGS ġibed l-attenezzjoni sabiex l-ewwel jiġi konfermat dan hux possibili peress li fl-istess każin ser ikun għaddej xogħol strutturali.

Hemm skedata laqgħa mal-organiżżatur is-Sur Noel Castillo nhar it-Tnejn 16 ta' Jannar 2017.

**25.12.2 ATTIVITA'JUM IL-FLORIANA - 21 T' APRIL 2017**

Kien ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti li din l-attivita ssir jew fis-Sala Robert Sammut, jew għand il-Kapuċċini jew fis-sala mal-Kappella ta' Sarria.

Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sala Robert Sammut ma kienitx disponibbli dakinhar.

Saret komunikazzjoni mal-Patrijiet tal-Kapuċċini tal-Floriana sabiex din l-attivita ssir fil-Kunvent tagħhom. Huma offrew tlett postijiet fejn tista' ssir.

1. Jew fit-terrazin li għandhom fuq is-swar jekk it-temp ikun jippermetti u la darba din l-attivita' ser isir fl-aħħar t' April allura t-tempi jkun ġeneralment tajjeb;
2. Jew fis-Sala fejn isiru l-bazaars mal-ġenb tal-kunvent; jew
3. F' sala isfel fil-kennierja li hi aċċessibbli bit-taraġ biss.

Dawk preżenti komplew isemmu aktar postijiet fejn setgħet issir pero' ġew infurmati li d-deċiżjoni fuq il-postijiet kienet ittieħdet fil-laqgħa ta' qabel.

Id-diskussjoni dwar il-lok ser tkompli fil-laqgħa li jmiss.

Il-Viċi Sindku semma li jrid jinħatar bord ta' għażla li jħejju r-rikomandazzjonijiet.

Il-Kunsillier JAE irrikomanda li ċ-Chairperson tkun Jane Farrugia peress li mhiex affiljata ma' l-ebda għaqda Furjaniża, jew lil Mary Roberts jew Dr Matthew Paris u lil Kunsillier AD.

Il-kompożizzjoni formali tal-bord tal-għażla ssir fil-laqgħa li jmiss.

Irid ikun aċċertat li min ikun fuq dan il-bord ma jikkostitwix konflitt t' interess. Jingħataw trophies bħas-soltu u jinżamm l-istess grupp ta' unuri.

Il-gruppi tal-lokal ikun mitluba jinnominaw persuna jew il-gruppi flimkien jinnominaw xi grupp.

Għanda tissejjaħ laqgħa nformali fil-Kunsill.

**25.13 KORRISPONDENZA**

**25.13.1 ĦARĠA GĦAL GĦAWDEX – UFFIĊĊJU PARROKJALI – 29 TA' JANNAR 2017**

Saret riferenza għall-korrispondenza mibgħuta mis-Sur Stephen Tonna tas-27 ta' Diċembru 2017 u dik tat-3 ta' Jannar 2017 li kiteb għan-nom tal-Arċipriet tal-

Floriana, dwar mawra għal Għawdex organiżżata mill-Grupp Ħidma San Publju fild-29 ta' Jannar 2017.

Din il-korrispondenza ġiet diskussa mill-Kunsill fejn ġie approvat li din il-mawra tkun attivita' konġunta bejn il-Knisja Parrokjali u l-Kunsill Lokali.

**25.13.2 TALBA GĦALL-PARKEĠĠ RISERVAT MILL-ARĊIPRIET**

Saret riferenza għall-korrispondenza mibgħuta mis-Sur Stephen Tonna għan-nom tal-Arċipriet datata 6 ta'Jannar 2017sabiex jingħata parkeġġ riservat. Ta' min jinnota li din il-materja kienet ġia ġiet diskussa mal-istess Arċipriet u anke mal-Viċi Arċipriet mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Kienet inbagħet ukoll korrispondenza minn Transport Malta fit-28 ta' Novembru 2016 fejn il-Kunsill intalab jgħati kummenti għal *Guidelines for the Implementation of Traffic Management and Safety Measures and Temporary Diversions of Traffic* ippublikatf'Awwissu 2011 mill-Awtorita' tat-Trasport u partikolarment Artikolu 5.7 - "Reserved Parking" u *Controlled Parking Schemes – Information Document for Local Councils* tal- 21 ta' 2002 mill-*iSteering Committee for the Creation of Resident and Commercial Parking Schemes*. Skond parir legali meħud, minn dan id-dokument ma jirriżultax li hemm raġuni valida sabiex din it-talba tiġi milqugħa.

Pero, il-Kunsill illum talab li tinżamm laqgħa mal-Arċipriet fuq dan is-suġġett.

**25.13.3 Talba għal rampa quddiem l-Istitut Kattoliku**

F' korrispondenza tal-11 ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b' Diżabilita' informa l-Kunsill li sarilha lment li l-bankina biswit l-Istitut Kattoliku mhiex aċċessibbli u li l-Kummissjoni obligata li tinvestiga l-ilmenti u talab lill-Kunsill biex jirrispondi kif bi ħsiebu jindirizza din is-sitwazzjoni.

Il-membri kkunsidraw li appik li jinbeda proġett (RWP1-1429/16) għat-tiswija ta' tlett toroq f' dawn l-inħawi li jinvolvi wkoll xogħol mill-Water Services Corporation cioe' Triq John Lopez, Triq Vilhena u Triq l-Isqof Mauro Caruana. Għalhekk għalissa ser issir rampa temporanja fil-kantuniera tal-Istitut Kattoliku.

**25.13.4 Soċjeta' Filarmonika Vilhena**

25.13.4.1 Waslet korrispondenza fid-9 ta' Jannar 2017 mis-Segretarju s-Sur Charles Saliba tas--Soċjeta' Filarmonika Vilhena fejn informa lill-Kunsill li ser isir kunċert fil-Knisja Arċipretali fl-4 ta' Frar 2017, taħt il-patroċinju tal-Eċċellenza Tagħha il-President ta' Malta. Dan il-kunċert huwa okkażżjoni kollettiva bejn l-għaqdiet Furjaniżi u l-Kunsill u li qliegħ minnu ser imur għal Malta Community Chest Fund. Din is-senal-mistieden speċjali ser ikun it-tenur Frate Alessandro Brustenghi mill-Kunvent ta' Porziuncola f' Assisi.

Il-membri preżenti kkonfermaw li l-biljetti jkunu jistgħu jinxtraw mill-Kunsill pero ma talbu li ma jixxandarx in-numru telefoniku tal-Kunsill fuq ir-reklami għaliex il-Kunsill mhux involut biex jgħati nformazzjoni fuq il-kunċert lill-pubbliku fuq it-telefown.

25.13.4.2 Waslet korrispondenza fid-9 ta' Jannar 2017 mis-Segretarju s-Sur Charles Saliba tas--Soċjeta' Filarmonika Vilhena fejn talab il-konferma tal-Kunsill biex jingħata servizz tal-banda maqsuma f' żewġ rotot differenti f' Jum il-Floriana cioe' fit-23 t' April 2017, waħda timxi mal-Purċissjoni tas-Sagrament u l-oħra ddur mat-toroq. Il-Kunsill ikkonferma li jrid dan is-servizz.

25.13.4.2 F' korrispondenza oħra fid-9 ta' Jannar 2017 lis-Segretarju s-Sur Charles Saliba tas--Soċjeta' Filarmonika Vilhena offra li jippubblika reklam ta' paġna u bil-kulur fil-ktejjeb tal-festa 2017 publikat mill-imsemmmija Soċjeta;, kif ukoll l-awgurju tal-Kunsill Lokali għal-Festa ta' San Publju.

**25.14** **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

**25.14.1** Il-laqgħa ntemmet fis-19:40 u ġiet aġġornata għad-9 ta' Frar 2017 fil-17:00.

**Minuti konfermati llum 9 ta' Frar 2017.**

| | |
|---|---|
| DAVINA SAMMUT HILI | M' LOURDES LAUTIER |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |